MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 306/2006

**Ratan Mohnani**

**vs**

**Carmelo Stivala**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat id-9 t'Ottubru tas-sena 2006, li permezz tieghu r-rikorrent sejjah lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas is-somma ta' erbat elef tlett mija wiehed u disghin Lira Maltin u hamsa u tletin centezmu, (LM4,391.35,0), jew somma ohra li tigi stabbilita minn din il-qorti minhabba danni li sofra l-attur b' konsegwenza ta' hrug ta' mandat ta' qbid numru 191/2005 fl-ismijiet Carmelo Stivala vs Ratan Mohnani liema mandat inhareg abuzivament u illegalment u dan minhabba l-fatt li l-

kawza li segwiet dan il-mandat, kawza numru 48/98 fl-istess ismijiet, giet mitlufa mill-konvenut u minkejja li gie nterpellat sabiex inehhi l-mandat xorta baqa' inadempjenti;

2. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta ta' l-intimat datata l-10 ta' Settembru tas-sena 2007 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament it-talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost it-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur billi l-konvenut ma kkaguna l-ebda danni lill-attur;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-attur ghandu jipprova li sofra l-istess danni u jispjega kif wasal ghall-ammont ta' erbat elef tlett mija u wiehed u disghin Lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (LM4391.35,0);

4. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-attur qatt ma talab dan l-ammont minghand il-konvenut;

5. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost il-konvenut esercita d-dritt skond il-ligi u b'hekk ma jistax ikun responsabbli ghal xi danni ai termini tal-artikolu 1030 tal-Kodici Civili;

6. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-attur naqas li jiminimizza d-danni u fost ohrajn seta' facilment ipprezenta kontro-mandat wara li giet terminata l-kawza;

7. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat il-verbal datat it-3 t'Ottubru tas-sena 2007 li permezz tieghu, wara qbil bejn il-partijiet, ordnat il-kapovolgiment tal-provi rigwardanti l-ewwel eccezzjoni sollevata;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-procedura hi limitata ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimat liema eccezzjoni hi ta' natura preliminari;

Illi din l-eccezzjoni hi bbazata fuq l-artikolu 2153 tal-Kap 16 li jistabbilixxi li l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk irid jigi stabbilit is-segwenti:

1. Jekk din il-procedura hix qed titlob hlas ghall-hsarat sofferti mir-rikorrent, liema hsarat ma gewx ikkagunati b'reat;

2. Illi f'dan il-kaz, il-perjodu preskrittiv hu ta' sentejn;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti kien kolpit b'mandat ta' qbid datat il-31 ta' Jannar tas-sena 2005;

Illi dan il-mandat gie mahrug fuq talba ta' l-intimat odjern;

Illi a tenur tas-sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet inversi Stivala vs Mohnani, Rikors Numru 176/05 tat-22 ta' Marzu tas-sena 2005 gie ritenut is-segwenti:

1. Illi l-mandat ta' qbid in dizamina kien gustifikat;

2. Illi pero' l-elevazzjoni ta' l-oggetti in konsegwenza ta' l-istess ma kinitx;

3. Illi konsegwentement ordnat ir-ritorn ta' l-oggetti lir-rikorrent izda halliet il-mandat in vigore sakemm tigi deciza l-kawza fil-meritu;

Illi pero' r-rikorrent odjern isostni li ma kienx jaf bil-proceduri mehuda fil-konfront tieghu fil-Prim'Awla, molto piu` ghaliex dawn kienu miktubin bil-Malti, lingwa li ma jafx;

Ikkunsidrat:

Illi minn naha tieghu, l-amministratur tal-intimat isostni li mid-data tal-hrug tal-Mandat ta' Qbid in dizamina, dak datat il-31 ta' Jannar tas-sena 2005, fuq indikat, qatt ma rcevew xi ittra ufficjali, jew ittra jew xi forma ta' komunika minghand l-attur, biex ihallas xi danni allegati;

Ikkunsidrat:

Illi ai termini ta' l-eccezzjoni preliminari sollevata, il-perjodu operattiv li din il-qorti hi obbligata tikkonsidra hu dak mid-data tal-hrug tal-mandat ta' qbid in dizamina, il-31 ta' Jannar tas-sena 2005, sad-data meta giet intavolata l-procedura odjerna, senjatament id-9 t'Ottubru tas-sena 2006;

Illi ghandu jkun assodat li t-terminu prefissat fl-artikolu rikjamat mill-intimat ma kienx ghadda u ghalhekk il-preskrizzjoni rikjamata ma avveratx ruhha;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, tirrespingi l-ewwel eccezzjoni tal-intimat u tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------